# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 27 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 98/2023 BS**

**Carmen Vella**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**John Vella bħala intervenut fil-proċediment**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li ppremettiet:**

1. *"Illi l-esponenti twieldet fix-Xewkija, Ghawdex fis-sitta (6) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija sitta u hamsin (1956) kif jidher mill-estratt tal-att tat-twelid taghha li jgib in-numru tlett mija u erbgha u sittin tas-sena elf disa' mija sitta u hamsin (364/1956) hawn anness u mmarkat bhala Dok. A, u fuq dan l-att gie miktub li jisimha "Maria Carmela";*

2. *Illi l-esponenti zzewget lil John Vella fix-Xewkija, Ghawdex fl-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija sebgha u sebghin (1977) kif jidher mill-Att taz-Zwieg taghhom li jgib in-numru mija u disgha u tmenin tas-sena elf disa' mija sebgha u sebghin (189/1977) hawn anness u mmarkat bhala Dok. B, u fuq dan l-att gie miktub li jisimha "Mary Carmen";*

3. *Illi l-esponenti minn dejjem kienet taghmel uzu mill-isem "Carmen" u tant huwa hekk li isimha fuq il-karta tal-Medicare, fuq il-Licenjza tas-Sewqan taghha u fuq il-cards tal-bank (kopji annessa u mmarakta bhala Dok. C) huwa dejjem miktub "Carmen";*

4. *Illi tant l-esponenti minn dejjem kienet taghmel uzu mill-isem "Carmen", illi fuq Passaport antik hija kienet kitbet li hija maghrufa bhala "Carmen" (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. D);*

5. *Illi ghalhekk jissussistu raġunijiet validi kif kontemplati f'artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tintalab korrezzjoni fl-att tat-twelid numru 364/1956 u fl-Att ta' Zwieg numru 189/1977;*

6. *Illi ghalhekk l-esponenti kellha tipproċedi b'din il-kawza;*

7. *Illi John Vella qieghed jigi notifikat b'din il-kawza sabiex ikollu d-dritt jippartecipa bis-shih bhala intervenut fil-kawza fil-procedimenti stante li l-esponenti qed titlob emenda fl-Att taz-Zwieg taghhom.*

8. *Illi dawn il-fatti qed jigu dikjarati minn Carmen Vella li għandha konoxxenza proprja taghhom."*

**Talbet lil Din l-Onorabbli Qorti:**

i. *"Tiddikjara l-att tat-twelid numru tlett mija u erbgha u sittin tas-sena elf disa' mija sitta u hamsin (364/1956) huwa skorrett fis-sens kif fuq spjegat.*

ii. *Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (Ghawdex) sabiex iwettaq il-korrezzjoni tal-att tat-twelid numru tlett mija u erbgha u sittin tas-sena elf disa' mija sitta u hamsin (364/1956) b'mod illi flok "Mary Carmela" jigi miktub "Carmen".*

iii. *Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (Ghawdex) sabiex din il-korrezzjoni, ordnata minn din l-Onorabbli Qorti, tiġi riflessa wkoll f'kull Att tal-istat ċivili taghha, b'mod partikolari fil-karta tal-identita taghha (kopja annessa bhala Dok. E), fl-Att ta' Zwieg numru mija u disgha u tmenin tas-sena elf disa' mija sebgha u sebghin (189/1977) u fil-passaport tal-esponenti (kopja annessa bhala Dok. F), b'dan illi l-esponenti għandha dejjem tiġi ndikata bl-isem "Carmen" u dan ai termini tal-artikolu 253(3) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Dan taħt dawk il-provvediment kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li timponi fiċ-ċirkostanzi.*

*Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-intimati minn issa ghas-subizzjoni."*

**Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur Reġistru Pubbliku ta' Għawdex li eċċepiet:**

1. *"Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;*
2. *Illi mill-Att tat-Twelid ta' Maria Carmela Debono, innumerat 364/1956, jirriżulta illi hija twieldet Xewkija, Għawdex, fis-06 ta' Ġunju 1956, lil Joseph Debono u lil Rose Debono nee' Haber, u li 'Maria Carmela' kien iddikjarat bħala l-isem li bih hija għandha tiġi msejħa;*
3. *Illi kien il-missier, Joseph Debono, li għamel id-dikjarazjoni tat-twelid ta' binthom Maria Carmela u li ddikjara kif hija għandha tiġi msejħa. Dan jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid iddetaljat, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 1, u fejn hemm il-firma tal-missier bħala l-persuna li għamlet id-dikjarazzjoni relattiva;*
4. *Illi konsegwentament, l-isem 'Mary Carmen' ġie rifless fl-Att taż-Żwieġ tar-rikorrenti li huwa wkoll irreġistrat Għawdex, kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkat Dok. B;*
5. *Illi r-rikorrenti tgħid li minkejja dak iddikjarat fuq l-Att tat-Twelid tagħha hija dejjem kienet imsejħa 'Carmen', u għalhekk ipproċediet bil-kawża istanti, sabiex l-isem indikat fuq l-Att tat-Twelid u l-Att taż-Żwieġ tagħha jkunu jirriflettu l-isem li effettivament dejjem kienet imsejħa bih;*
6. *Illi l-bidla jew korrezzjoni ta' isem taħt l-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta m'hijiex xi miżura ordinarja li hija miftuħa għall-inizjattiva diskrezzjonali tal-individwu. Għal kuntrarju din ix-xorta ta' azzjoni hija*

*miżura straordinarja għal skopijijet pubbliċi intiża esklussivament biex telimina mill-imħuħ tan-nies kull possibilita' ta' konfużjoni u diżordni dwar l-identifikazzjoni ta' dak jew dik l-individwu. Kwidni l-awtorizżazzjoni ġudizzjali ta' bidla fl-isem m'għandhiex tiġi konċessa għaliex ir-rikorrenti sempliċiment tixtieq tbiddel isimha, iżda tali awtorizżazzjoni għandha tingħata biss jekk jirriżulta li din meħtieġa assolutament għall-esiġenza pubblika;*

7. *Illi bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*
8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-drit u fil-fatt.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni."*

**Rat** id-dokumenti ppreżentati mill-attrici annessi mar-rikors ġuramentat;

**Rat** illi fil-15 ta' Settembru, 2023 il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-06 ta' Ottubru, 2023;

**Rat** li fis-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2023 l-kawza ġiet differita in difetto ostacolo għas-sentenza għal-lum;

**Semghet** ix-xhieda moghtija mill-attrici u mill- intervenut fil-kawza John Vella fis-seduta tas-6 ta Ottubru, 2023;

**IKKUNSIDRAT**:

Illi l-attrici kif indikat fir-rikors qed tagħmel din it-talba ai termini tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Hija tgħid li isimha fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha ġie mniżżel bħala "Maria Carmela". Tghid illi fic-certifikat taz-zwieg taghha isimha huwa imnizzel bhala "Mary Carmen". Hija tinsisti li fil-ħajja ta' kuljum kulħadd jafha bhala "Carmen" tant illi anke fil-passaport li llum skada kien hemm inkidat illi hija maghrufa bhala "Carmen". L-

isem "Carmen" jirrizulta wkoll dak uzat f'dokumenti mahrugin minn Awtoritajiet fl-Awstralja.

Kif jirriżulta mill-atti id-debita pubblikazzjoni ai termini tal-Artikolu 254 saret. Illi mill-provi kollha ippreżentati jirriżulta bl-aktar mod ċar illi l-attrici fil-ħajja soċjali tagħha hija magħrufa bħala "Carmen" u mhux "Maria Carmela" jew "Mary Carmen".

Fil-fehma tal-Qorti talba għal tibdil fl-isem ta' persuna għandha tiġi akkordata biss jekk jirriżulta li tali tibdil huwa meħtieġ sabiex tiġi eliminata konfużjoni u diżordni fl-imħuħ tal-membri tas-soċjetà dwar l-identifikazzjoni. Infatti l-attriċi fil-ħajja tagħha ta' kuljum hija magħrufa bħala "Carmen" u għaldaqstant hija l-fehma ta din il-Qorti t-talbiet tal-atturi huma mistħoqqa u dan għar-ragunijiet ġa mogħtija. Billi ma jirriżultax xi tort mill-konvenut Direttur jew da parti ta l-intervenut allura dawn m'għandhomx ibatu l-ebda spejjeż.

**DECIDE:**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u:

i. Tiddikjara l-att tat-twelid numru tlett mija u erbgha u sittin tas-sena elf disa' mija sitta u hamsin (364/1956) huwa skorrett kif gia spjegat;

ii. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (Ghawdex) sabiex iwettaq il-korrezzjoni tal-att tat-twelid numru tlett mija u erbgha u sittin tas-sena elf disa' mija sitta u hamsin (364/1956) u minn flok l-isem "Maria Carmela" jigi miktub "Carmen".

iii. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (Ghawdex) sabiex din il-korrezzjoni, tiġi riflessa wkoll f'kull Att tal-istat ċivili ta' l-attrici fis-sens illi kull fejn jidher l-isem "Maria Carmela" jew "Mary Carmen" dan ghandu jigi sostitwit bl-isem "Carmen".

L-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tal-attrici

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**